MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 47/2002/1

**Joseph u Rita konjugi Herrera**

**Vs**

**Michael Cilia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsa u disghajn lira Maltija (Lm395) hlas ta' danni sofferti minnhom peress li f'Ottubru 2000 kwantita kbira ta' ilma ngemghet fil-fond Flat 1, Tulip Court, Triq il-Mazzola, Bugibba, San Pawl il-Bahar propjeta tal-konvenut. L-ilma pperkola fil-fond ta' tahtu li huwa propjeta ta' l-atturi u cioe' Flat 2, Tulip Court, Triq il-Mazzola, Bugibba, San Pawl il-Bahar u kkawza hsara.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha kkontestaw ir-responsabbilta ghall-hsarat.

Semgha x-xhieda u trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-

1. Il-kawza odjerna hija identika ghall-kawza fl-ismijiet **Giovanni Vella et vs Michael Cilia** [Avviz numru:-46/2002] li giet deciza minn dan it-Tribunal fis-seduta tal-lum. L-uniku differenza hija l-appartament fejn giet ikkagunata l-hsara bil-perkolazzjoni ta’ l-ilma.

2. Ghas-skans ta’ ripetizzjoni inutli t-Tribunal qieghed jaddotta r-ragunament u l-motivazzjoni li nsibu f’dik is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut u jichad it-talba ta’ l-atturi.

Minhabba n-natura tal-kaz l-spejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------